MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 13/2011

**Decizjoni tal-Arbitru Numru fl-ismijiet:- 202/11**

**Maria Gloria Gouder**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-11 ta' Mejju 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru,***

*Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tal-21 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha gie mwaqqaf l-ghoti tal-pensjoni ghal-wens peress li l-mezzi tal-applikanti kienu jaqbzu l-massimu konsentit ghal dan il-beneficcju; ra ukoll l-appell ta' Maria Gloria Gouder li dahal fis-6 ta' Novembru 2006 fejn ma qablitx ma din id-decizjoni u sahqet fuq il-punt li hija tiehu hsieb ohtha marida u li b'hekk tevita spejjes li kien irid igorr il-Gvern kieku hi ma tiehux hsieb l-imsemmija ohtha.*

*Id-Dipartiment wiegeb li d-decizjoni kienet ittiehdet wara informazzjoni li inghatat lilu minn sorsi ufficjali.*

*Sema' lill-appellanti aktar minn darba anki wara li hija insistiet li ghalkemm ommha mietet fit-8 ta' Mejju 2005, il-kapital mill-wirt gie f'idejha fit-30 ta' Gunju 2006. Hija qablet li ommha kienet hallitilha prelegatta' Lm6,000 li pero' ma hadithomx 'ghaliex l-ewwel thallsu l-kontijiet'. Mix-xhieda deher li hutha ohra wkoll wirtu ammont minghand l-omm. Dwar id-data meta fil-fatt is-shares waslu ghandha, hija issemmi Gunju 2006 u ghal kull buon fini l-Arbitru ikkunsidra wkoll il-valur tas-shares f'din id-data. F'risposta sussegwenti tad-Dipartiment gie rilevat li l-kontijiet bankarji kienu kollha intestati f isem l-appellanti.*

*IIIi l-ammont li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mid-Dipartiment ghal fini tal kalkolu tal-kapital ta' applikant, hu l-valur li jista' jigi rikavat fis-suq, fil-mument partikolari; fuq dan ir-ragunament il-valur ta' shares m'ghandux jittiehed li huwa dak normali. Fil-kaz presenti, dan japplika kemm ghax-shares li appellanti wirtet fil-Middlesea, kif ukoll dawk f'San Tumas Investments; dawn, kif gustament sottomess mid-difensur taghha, jistghu jonqsu jew jizdiedu minn gurnata ghall-ohra. Id-Dipartiment jikkonsidra l-valur fis-suq fil-mument rilevanti. Dan japplika wkoll ghal beni immobili; il-ligi ma ssemmix 'market value', imma ma hemmx mod iehor kif jista' jigi kalkolat il-valur ta' xi oggett f'mument partikolari - ovvjament ma jistax jittiehed il-valur tieghu meta dan ikun gie akkwistat, zmien qabel. L-istess japplika ghal 'split issue' jew kull vantagg li jista' jigi tradott f'zieda fil-valur.*

*L-appellanti issemmi bosta debiti li kellha l' omm meta giet nieqsa; il-kontijiet imsemmija kellhom, id-data ta' aktar minn sena wara, u juru bilanc ta' aktar minn Lm9000 meta l-ammont massimu konsentit kien ta' Lm6000; ikkonsidra ukoll l-interpretazzjoni guridika moghtija dwar id-data meta wirt ghand werriet.*

*L-Arbitru jaghmel riferenza ghal verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008 meta, wara li l-appellanti intalbet tati dettalji ta' dak kollu li halliet ommha, Maria Gloria Gouder issottomettiet li biex taghmel dan, tista' tikxef dak li hadu hutha, u jmur kontra d-'Data Protection Act'.*

*Informazzjoni simili kienet tkun utili anki ghall-ispjegazzjoni tad-djun u tal-konsistenza tal-wirt tal-prelagat fuq imsemmi.*

*L-Arbitru, wara li fela bir-reqqa id-dokumenti esebiti, sema' ix-xhieda u kkonsidra s-sottomisjonijiet tal-partijiet, senjatament dawk finali tal-abbli difensur tal-appellanti, huwa tal-fehma li d-Dipartiment kien gustifikat fid-decizjoni imsemmija u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Maria Gloria Gouder datat 1 ta' Gunju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tordna u tiddeciedi illi l-esponenti hija ntitolata ghall-pensjoni tal-wens skont l-Att dwar is-Sigurta` Socjali.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2012.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 17 ta' Jannar 2012 a fol 7 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghall-

appellat rapprezentat minn Joe Chircop, u Dr. Patrick Galea ghall-appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2012.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-5 ta’ Gunju 2012 fejn irrikjamat il-kawza ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghall-istess skop u fejn id-difensuri tal-partijiet taw ruhhom b’notifikati ghall-partijiet bid-digriet tar-rikjam tal-kawza u ghahekk id-decizjoni tista’ tinghata u ser tinghata llum.

Rat l-atti kollha tal-istess appell inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 19 ta’ Jannar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma (a) nuqqas ta’ motivazzjoni tal-istess decizjoni; (b) nuqqas ta’ konsiderazzjoni dwar kif wasal ghall-valur tar-rizorsi kapitali tal-appellanti sabiex wasal ghall-konkluzjoni li l-istess jeccedu limitu ta’ €14,000 (ekwivalenti ghal Lm6,000) u dan ghaliex (i) l-valur li kellu jittiehed tal-ishma li wirtet l-appellanti kien il-valur nominali taghhom u mhux il-valur attwali taghhom fis-suq u dan skond l-artikolu 1 (a) ta’ l-Ewwel Parti tat-Tieni Skeda; (ii) li ishma effettivament daru fuq l-appellanti fit-23 ta’ Frar 2006 (Middlesea) u 12 ta’ Jannar 2006 (San Tumas Holdings) rispettivament; (iii) saru xi xogholijiet wara l-mewt ta’ omm l-appellanti.

Illi dwar l-ewwel aggravju dan huwa kompletament infondat ghaliex id-decizjoni tal-Arbitru hija ben motivata ghaliex hadhet konjizzjoni ta’ dak kollu sottomess lilu, trattata, u spjegat fejn taqbel u ma taqbilx, b’mod li waslet ghad-decizjoni taghha skond il-ligi u certament li kull parti fil-kaz meta tara d-decizjoni taf kif l-istess gudikant wasal ghall konkluzzjoni tieghu u din hija ben spjegata fid-decizjoni fuq riportata b’dan li l-istess decizjoni inghatat fuq dan il-punt skond il-ligi u tissodisfa dan ir-rekwizit kif

indikat mill-Ligi u spjegat fil-gurisprudenza nostrali fosthom dawk citati mill-appellat fir-risposta tieghu u cjoe' **"Anthony Vella vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011); **"Joseph Mercieca vs Water Services Corporation"** (A.I.C. (PS) – 27 ta' Frar 2009); u **"Frank P. Borg Limited vs Joseph Camilleri"** (A.C. – 28 ta' Mejju 2010).

Illi dwar l-aggravju l-ohra dawn jikkoncernaw l-apprezzament ta' provi li ghamel l-istess Arbitru u din il-Qorti mhux normali li tisturba l-apprezzament li jkun sar mill-Arbitru sakemm ma jkunx hemm zball manifest ta' fatt jew dritt li jkun ippregudika d-drittijiet ta' parti. F'dan il-kaz ma jidhirx li hemm tali mankanza u dan peress l-valur tal-ishma li kellhu jittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigu kkonsidrati l-mezzi skond l-limitu impost fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 kellhu jkun dak attwali u mhux nominali. Gie kkunsidrat ukoll li tali ishma kienu proprjeta' u allura intestati fuq l-appellanti fit-23 ta' Frar 2006 (ishma tal-Middlesea) u 12 ta' Jannar 2006 (ittra ta' San Tumas Holdings) u li d-Direttur kien waqqaf l-pensjoni ghall-Wens (PW) fil-21 ta' Ottubru 2006 tant li appell mill-istess lill-Artbitru sar fit-2 ta' Novembru 2006, u allura jidher li d-Direttur u warajh l-Arbitru hadu in konsiderazzjoni l-principju li bhala zmien dak relevanti ghall konsiderazzjoni tal-mezzi ghall dan l-Att ma huwiex iz-zmien ta' mewt tad-decujus li minghandhu jkun gej il-wirt li fil-ligi civilu jghaddi ghand haddiehor *ope legis* jew *ope testamentis* (artikolu 585 tal-Kap. 16) izda l-mument li l-patrimonju effettivament jghaddi fil-patrimonju tal-eredi jew legatarju, b'dan li *punctum temporis* ghandu jkun wiehed konkret konness mad-data li fiha s-successur jidhol fil-pussess effettiv tal-fondi li kellu l-mejjet (**"Robert Booker vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (P.A. (PS) – 12 ta' Frar 2010).

Illi dwar l-ahhar punt u cjoe' l-allegati xogholijiet li l-appellanti qalet li saru wara l-mewt ta' omm l-appellanti izda din kienet kwistjoni ta' provi li l-appellanti kellha l-oneru li tipprova izda dan ma jidhirx li sar fil-grad rikjest mill-Ligi quddiem l-Arbitru anke in vista tal-kweziti li prova

jindirizza u li l-appellanti ma provdietx risposta u/jew rispons ghalihom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat id-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) datata 17 ta' Jannar 2012 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Maria Gloria Gouder fir-rikors tal-appell taghha datat l-1 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet "Maria Gloria Gouder vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (Decizjoni 202/11 FD) datata 11 ta' Mejju 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Maria Gloria Gouder.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------